# Paċi u Ġid

No. 94: Marzu 2020

"Ma nħallux jgħaddi dan iż-żmien ta' grazzja mingħajr ma nfittxu l-frott tiegħu!"

Papa Franġisku



# Il-messaġġ tal-Madre Provinċjali
## Sr Claudia Zammit



Żmien ir-Randan … żmien ta' grazzja

Bdejna ż-żmien tar-Randan - żmien qawwi fil-liturġija, żmien ta' grazzja mogħti lilna mill-Mulej biex ngħixu b'mod aktar konxju dak l-element fil-ħajja Nisranija li nsejħulu 'il-bidla tal-qalb.' Fil-fatt, ir-Randan, huwa sejħa biex nifthu l-menti u l-qalb tagħna ħalli nisimgħu leħen l-Mulej li jistedinna biex nerġgħu lura lejh u nbiddlu ħajjitna. Dan iż-żmien ukoll jistedinna biex inkunu aktar sensibbli għat-tbatijiet ta' dawk li jinsabu madwarna. Għalhekk għandna nitħeġġu biex inwieġbu b'mod ġeneruż għas-sejħa tal-Mulej u nipprofittaw minn dan il-"jum tal-fidwa" (ara 2Kor. 6, 2) sabiex ngħixu l-konverżjoni tagħna lejn Alla u ta' mħabba lejn ħutna. F'dan iż-żmien, parti mill-proponiment tagħna jrid ikun li ntejbu l-ħajja tagħna tat-talb, sabiex skont iċ-ċirkustanzi ta' ħajjitna, inżidu l-ħin fit-talb. Huwa b'dan il-mod li aħna naslu biex inkunu ċerti li nisimgħu lil Alla jkellimna. B'dan il-mod Alla jurina x'għandna ntejbu jew inbiddlu minn ħajjitna li jista' jkun qed ifixkel ir-relazzjoni tagħna Miegħu. Għalhekk waqt li nifthu l-bieb ta' qalbna għal konverżjoni vera, naraw ftit kemm f'ħajjitna għandna tassew wisgħa għal Alla.

Irridu nħossu l-ħtieġa wkoll tas-smigħ tal-Kelma t'Alla. Din hija arma qawwija li tgħinna niġġieldu t-taqbida spiritwali kontra Satana. Jeħtieġ li nkunu midħla mal-Bibbja billi naqrawha spiss u nimmeditawha għax il-Kelma t'Alla hi dejjem ħajja u tgħodd għall-jiem kollha ta' ħajjitna. Għalhekk għandna nħossu l-bżonn li l-Bibbja nġorruha dejjem magħna, nifthuha aktar minn darba matul il-ġurnata u naqraw il-messaġġi li Alla jkun irid jgħidilna f'dak il-mument. Dan iwassal għall-konverżjoni vera tal-qalb. Fil-fatt kieku jkollna l-Kelma t'Alla dejjem f'qalbna, ebda tentazzjoni ma tkun tista' tbegħedna minn Alla u ebda ostaklu ma jkun jista' jtellifna t-triq tas-sewwa. Ta' kuljum inkunu nistgħu nagħrfu negħlbu l-ħażen li hemm ġo fina u barra minna.



Bħala nsara, matul dawn l-erbgħin jum tar-Randan, aħna msejħin biex fuq il-passi ta' Ġesù nsaħħu l-ispirtu tagħna bis-sawm. Is-sawm hu okkażjoni għalina biex nistgħu nikbru fl-għixien vera tal-ħajja nisranija. Sawm mhux daqstant mill-ikel u




x-xorb, daqskemm mill-kliem fieragħ u li jweġġa', mill-egoiżmu, mill-ħin meqjus quddiem l-internet, mill-ipokresija, minn dak kollu li huwa żejjed: hekk nistgħu tassew inkunu fqar fl-ispirtu: "Jaqaw mhux dan is-sawm li jiena rrid, jiġifieri, li tħoll il-ħażen, u tqaċċat ix-xkiel tal-madmad, u tibgħat ħielsa l-maħqurin, u tkisser kull madmad?'' (Iżaija 58, 6). Għalhekk, b'dawn l-isfidi quddiemna, nilqgħu b'impenn l-istedina għall-konverżjoni fil-ħajja tagħna nisranija. Dan iwassalna biex iċ-ċelebrazzjoni tal-Għid ta' Kristu Rxoxt tkun ukoll ċelebrazzjoni tal-għid tagħna. Nawguraw lil xulxin Randan tassew qaddis li jgħinna niltaqgħu aktar ma' Alla, magħna nfusna kif aħna, u mal-proxxmu tagħna fil-ħtiġijiet kollha tiegħu.

Tagħkom fi Kristu,
Sr Claudia Zammit
*Superjura Provinċjali*

***********************************************************************************

## Ħmistax-il Sena ġewwa Londra

Sr Sylvia Borg



Iż-żmien jgħaddi u ma jistenna lil ħadd u anke lili hekk għamilli. Qatt ma kont nobsor li jgħaddu ħmistax-il sena u nkun għadni Londra. Fill-fatt din kellha tkun esperjenza ta' tliet snin, iżda s'issa l-Mulej hawn iridni.

Jien bdejt din l-esperjenza Franġiskana fis-7 ta' Ottubru 1984 meta ħallejt kollox u flimkien mal-familja qbadt il-vapur għal Għawdex u weġibt għas-sejħa li l-Mulej għoġbu jagħmilli. Wara tliet snin fiż-żmien tan-Novizzjat ġewwa l-Casa Madre fir-Rabat Għawdex, fejn kelli esperjenza li ngħix ma' żgħażagħ bħali Maltin, Għawdxin u barranin, li wieġbu għas-sejħa, jien għamilt l-ewwel Professjoni u ntbgħatt



Malta sabiex inkompli l-istudji tiegħi u nkompli nipprepara ruħi għal din il-ħajja mal-Mulej. Matul dawn il-ħames snin ta' studju, mhux biss akkademiku imma wisq aktar Kongregazzjonali, wasal iż-żmien li nħalli l-bejta tal-formazzjoni u nintbagħat f'komunità kbira, b'ħafna sorijiet anzjani u morda, li mingħandhom nista' ngħid li komplejt insaħħaħ il-vokazzjoni tiegħi. Matul dawk is-sbatax-il sena li jiena domt f'din il-komunità ta' Betania jien tgħallimt ħafna. Matul dawn is-snin għaddejt l-aħħar tmien snin ngħallem fl-iskola tagħna ta' St Francis l-Imsida. Għalija kienet esperjenza tal-ġenn fejn permezz tat-tfal il-Mulej ried ifakkarni u jdewwaqni ftit minn dik is-sempliċità tagħhom. Kienet esperjenza sabiħa u ma ninsiha qatt.

Ħmistax-il sena ilu, bl-ubiddjenza tas-superjuri tiegħi ġejt mibgħuta hawn ġewwa Londra, fil-komunità li tilqa' lill-Maltin ħutna li jiġu hawn għal kura medika. Hija esperjenza unika għax l-ewwel u qabel kollox biex tagħmel din l-esperjenza trid tiġi f'din il-komunità u għaliex f'dawn il-morda tara l-ħin kollu l-wiċċ ta' Kristu batut. Barra li kelli x-xogħol tal-uffiċċju, kelli wkoll ix-xorti li nwassal lill-pazjenti fl-isptarijiet fejn kien ikollhom il-kura u kien f'dak il-waqt fejn huma kienu jiftħu u jserrħu qalbhom. F'dawn il-mumenti nammetti li ħafna drabi ma kontx inkun naf x'ser naqbad ngħidilhom u nista' ngħid li jien tgħallimt ħafna mingħandhom. Tgħallimt naċċetta dak li l-Mulej jibgħatli u nipprova li naċċettah bil-ferħ. Kelli ħafna esperjenzi sbieħ ta' pazjenti li, wara trattamenti u kura, jieħdu riżultat pożittiv ħafna. Bħalhom aħna nistennew bil-ħerqa u nifirħu ħafna meta dawn jirnexxu.



Esperjenza ta' pazjenti li jkunu qegħdin għandna jistennew għal trapjant tal-fwied u tgħidx kemm nifirħu magħhom meta dawn iċemplulhom u jgħidulhom li sabu fwied għalihom.



L-esperjenza tal-Milied u l-Għid ġewwa d-dar tagħna flimkien ma' dawn il-pazjenti hija sabiħa ħafna, fejn wara l-quddies ta' filgħaxija ninġabru flimkien u



naqsmu l-ferħ ta' dawn il-festi. Kelli wkoll esperjenzi inqas sbieħ, bħal ta' mara ta' erbat itfal żgħar, wara ġlieda kontinwa mal-kanċer tispiċċa titlef ħajjitha; jew dik ta' tifla unika ta' seba' snin, imrobbija fil-għożża, il-ġmiel tagħha, wara snin ta' kura intensiva tmut fi ħdan ommha u li fil-fatt kelli x-xorti li nkun hemm ftit qabel ma mietet. Lili u lil sħabi tal-komunità, il-Mulej offrielna din l-esperjenza unika. Esperjenza fejn inti tara u tħoss lil Kristu jgħix miegħek f'dawn ħutna. Insiru familja waħda fejn naqsmu l-ferħ u t-tbatija. Għalihom aħna nsiru t-tieni familja tagħhom u d-dar tagħna ssir it-tieni dar tagħhom.

Lil dawk kollha li l-Mulej qiegħed isejjaħ u qegħdin iħossu s-sejħa biex jimxu warajh ngħidilhom li huwa vera li inti ser tħalli ħafna u ħafna warajk, iżda l-Mulej jagħtik aktar milli qalbek tixtieq. Nassigurakom minn dan, għax jien hekk ġrali. Madre Margerita wkoll tgħidilna biex lil Ġesu: *"ma tgħidlu qatt biżżejjed, imma kun ġeneruża."* Anke l-Mulej jgħidilna li aktar ma nagħtu, aktar nirċievu. Mela ejjew inkunu ġenerużi miegħu u ma' ħutna li fihom għandna naraw lilU.

*******************************************************************************

## Ħlomna bi presepju f'raħal Malti!

Skola St Francis L-Imsida



Li kellkom taslu wasla sal-iskola St Francis l-Imsida fi żmien il-Milied, kontu tistħajlu li qed taraw xehda naħal jaħdem bieżel u kważi bla waqfien fuq proġett oriġinali għall-aħħar. L-istudenti tal-Ħames sena, flimkien mal-għalliema tagħhom Ms Jacobeth u Ms Nastasia, ħadmu fuq presepju f'raħal Malti. Kienu determinati li jiddiskutu, jippjanaw u jmiddu jdejhom flimkien u li kemm jista' jkun jużaw materjal riċiklat. Isimgħu x'qalu l-istudenti dwar din l-esperjenza:



- Kulħadd ħa ħsieb iġib xi ħaġa li soltu nirriċiklaw.
- L-għalliema qassmuna fi gruppi. Kull grupp għamel dar tipikament Maltija bil-gallarija.
- Ħsibna li nagħmlu knisja b'qanpiena u bi xbieha tal-Madonna, każin,skola, furnar u tal-pastizzi.
- Ksejna l-kaxxi taċ-ċereali bil-karti kannella u waħħalnihom flimkien bil-kolla bajda.
- Pinġejna l-bibien u stampi ta' xi nies.
- Żidna ftit fergħat niexfa tal-Bouganvilla u tiżjin ieħor biex id-djar ħadu d-dehra li xtaqna.



- L-aktar li sibna diffiċli kien il-bejt. Irnexxielna nagħmluh bil-kartun tal-ħalib u ċ-ċereali.
- It-triq ħadu ħsieb jagħmluha l-għalliema tagħna.
- Xi wħud minna ġabu l-karozzi tal-logħob u qegħednihom fuqha.
- Grupp ta' tfal għamel il-grotta kbira u vera sabiħa waqt li oħrajn ħasbu għall-pasturi.
- L-aktar ħaġa li ħadna gost nagħmlu kienet il-grotta f'nofs ir-raħal.
- Il-grotta kienet l-aktar ħaġa importanti fil-presepju li ħloqna.
- Domna ħafna biex lestejna l-presepju imma kuntenti li ġie kif xtaqna.
- Armajna l-presepju fl-intrata u taħt it-taraġ b'tali mod li seta' jidher u jintgħoġob minn kulħadd.
- Nafu li dan il-proġett irnexxa għax ħadna ħafna gost nagħmluh u tajna pjaċir lil kull min rah.

Grazzi kbira lill-għalliema u lill-ġenituri tagħna li tawna s-sapport tagħhom biex il-ħolma tagħna saret realtà li tgawdiet minn ħafna.

**Tiftixa N.12: Sib il-kliem mitluf.**

| | | |
|---|---|---|
| BJUT | MERĦLA | BRAMEL |
| MIRKEB | STATWA | BRAZZULETTI |
| NASBA | TANBUR | ĊARRUTA |
| PALAZZ | TERAFIM | KANAL |
| PUNTAL | TINDA | KUBRIT |
| QASAB | XAQQUFA | LASTA |
| RAMPI | | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| T | B | T | K | H | E | P | L | J | Ħ | Ħ | A | U |
| E | B | R | A | Z | Z | U | L | E | T | T | I | K |
| R | J | Ħ | N | F | B | N | S | N | I | R | T | E |
| A | U | O | A | W | B | T | A | N | B | U | R | D |
| F | T | GĦ | L | W | A | A | M | M | J | H | GĦ | P |
| I | Ċ | S | V | T | A | L | IE | X | G | R | T | A |
| M | Z | IE | W | N | V | B | R | A | M | P | I | L |
| Ż | X | A | L | Ħ | R | E | M | Q | I | T | N | A |
| V | W | L | A | S | T | A | L | Q | R | T | D | Z |
| L | E | M | A | R | B | M | K | U | K | A | A | Z |
| F | Ż | Q | A | S | A | B | K | F | E | S | R | R |
| F | H | Ċ | A | R | R | U | T | A | B | Q | X | J |
| T | G | N | E | W | Q | J | K | U | B | R | I | T |

Isem :________________________ Skola:_______________________

Kunjom:______________________ Klassi:_______________________

---

## Taf tgħidli min? #9

| | |
|---|---|
| Isem | |
| Kunjom | |
| Skola | |
| Klassi | |

| | |
|---|---|
| 1. Dan xejjen l-attakk tal-ġgant. (1 Mak. 4, 30) | |
| 2. Jidħlu fl-inxif tal-widien u jinqerdu. (Ġob 6, 18) | |
| 3. Kliemu, kliem safi. (S. 12, 7) | |
| 4. Indieħes mas-sultan biex sar il-qassis il-kbir. (2 Mak. 4, 26) | |
| 5. F'qalbu jgħid li m'hemmx Alla. (S. 14, 1) | |
| 6. Dan infexx jibki. (Neħ. 8, 9) | |
| 7. Issugrat ħajjitha għall-poplu tagħha. (Est. 4, 16) | |
| 8. Lil min sab Tobija kif ħareġ barra? (Tob. 5,4) | |
| 9. Fittxu li tgħixu bejnietkom… (Mk. 9, 50) | |
| 10. Jordna lill-ispirti u huma… (Lq. 4, 36) | |

---

Prosit lil kull min ħa sehem fil-kompetizzjoni Paċi u Ġid No.93 ta' Ottubru 2019 u r-rebbieħa huma: Noella Gafà (Yr 2, St Francis B'Kara) u Daniel Mifsud (Yr 4, St Francis Cospicua).

Ir-rebbieħ/a tal-kompetizzjoni qed j/tingħata ktieb. Ir-rebbieħ/a jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mit-30 t'April 2020. Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom f'dan l-indirizz:

Kompetizzjoni 'Paċi u Ġid'
4, St Anne's Convent,
Franciscan Sisters Street
San Gwann, SGN 2341

jew

ħallu t-tweġibiet tagħkom fl-iskejjel tas-St. Francis (Msida, Bormla, B'Kara jew ir-Rabat Għawdex).

**"SABAR U KURAĠĠ, U FUQ KOLLOX UMILTÀ, GĦAX MIN JIĊĊEKKEN JITGĦOLLA U MIN JITGĦOLLA JIĊĊEKKEN."**

Venerabbli Qaddejja T'Alla
Madre Margerita

**Sorijiet Franġiskani
tal-Qalb ta' Ġesù
Provinċja ta' Malta**